MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 374/1997/1

Kawza fil-lista: 40

**Is-socjeta' Corinthia Palace Hotel Company Limited; u l-Avukat Dr.Evelyn Caruana Demajo bhala prokuratur f' isem is-socjeta' estera Katholisches Ferienwerk Köln**
**Vs**
**Joe Grima u s-socjeta' Bon Tours Travel Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi s-socjetajiet attrici kellhom ftehim bejniethom li permezz tieghu s-socjeta' *Katholisches Ferienwerk Köln* kienet tibghat turisti lejn Malta sabiex ikunu akkomodati fil-lukandi tas-socjeta' attrici l-ohra *Corinthia Palace Hotel Company Limited;*

U peress illi l-hlas dovut lis-socjeta’ *Corinthia Palace Hotel Company Limited* ghal din l-akkomodazzjoni kien isir billi s-socjeta’ *Katholisches Ferienwerk Köln* kienet tibghat il-flus lill-*managing director* tas-socjeta’ konvenuta *Bon Tours Travel Limited*, il-konvenut Joe Grima, sabiex dan ighaddi dawn il-flus lill-*Corinthia Palace Hotel Company Limited*;

U peress illi l-istess konvenut Joe Grima *proprio et nomine* kien ircieva minghand *Katholisches Ferienwerk Köln* flus sabiex minnhom ighaddi s-somma ta’ tnax-il elf, disa’ mija u erbgha u tletin lira ta’ Malta (Lm12,934) bi hlas lill-*Corinthia Palace Hotel Company Limited*, izda minflok ghamel hekk zamm dawn il-flus u appropjahom ghalih u ghal persuni ohra;

U peress illi minhabba dan l-agir illecitu ta’ approprjazjoni indebita maghmul mill-konvenut Joe Grima, is-socjetajiet attrici soffrew danni: *Corinthia Palace Hotel Company Limited* ghax ma rcevietx il-hlas lilha dovut; u *Katholisches Ferienwerk Köln* ghax ma nghatatx kwittanza tal-hlas li ghamlet;

U peress illi l-agir ta’ l-istess konvenut kien doluz, u ghalhekk ir-responsabbilta’ tieghu personali hija *in solidum* mar-responsabbilta’ tas-socjeta’ minnu rapprezentata;

U peress illi s-socjetajiet attrici ghalhekk ghandhom jiehdu lura din is-somma minghand il-konvenut *proprio et nomine* sabiex ikunu jistghu jirregolaw il-kontijiet ta’ bejniethom:

Ighid ghalhekk il-konvenut *proprio et nomine* ghaliex ma ghandhiex din il-qorti:

1. tiddikjara li l-konvenut Joe Grima *proprio* huwa responsabbli *in solidum* mas-socjeta’ *Bon Tours Travel Limited* minhabba agir doluz ta’ approprjazjoni indebita ta’ flus tas-socjetajiet attrici;

2. tikkundanna lill-konvenut *proprio et nomine*, *in solidum*, sabiex ihallas lis-socejtajiet attrici s-somma ta' tnax-il elf, disa' mija u erbgha u tletin lira ta' Malta (Lm12,934) flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data meta Joe Grima rcieva u approprja ruhu indebitament minn dawn il-flus;

Bl-imghaxijiet ulterjuri u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji u ta' l-ittri ufficjali tad-9 ta' Settembru 1993 u tas-17 ta' Gunju 1996, kontra l-konvenuti li huma msejhin ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joe Grima li permezz taghha eccepixxa:

1. Preliminarjament l-azzjoni attrici hija nulla u bla effett u hija wkoll insostenibbli peress illi qabel xejn is-socjetajiet attrici jridu jiddeciedu lil min minnhom jappartjenu it-Lm12,934 allegatament dovuti mill-ecipjent. Mill-premessi tac-citazzjoni jidher car illi jekk tali somma hija verament dovuta l-istess somma ghandha tithallas lil wahda biss mis-socjetajiet attrici u certament m'ghandhiex tigi mhallsa liz-zewg socjetajiet attrici flimkien. Lil min tappartjeni, dejjem f'kaz li hi verament dovuta mill-eccipjent, jiddependi mill-ftehim li kien jirregola r-relazzjonijiet guridici ta' bejn il-partijiet. Din hi haga li suppost giet deciza mis-socjetajiet attrici bejniethom fid-dawl tal-ftehim imsemmi qabel giet intavolata l-kawza. Ma jistghux jippretendu, halli jolqtu zgur, li l-istess somma tappartjeni lit-tnejn flimkien ghaliex skond l-istess arrangament li kien hemm il-flus jew jappartjenu lis-socjeta' Corinthia Palace Hotel Company Ltd. gialadarba s-socjeta' Katholisches Ferienwerk Köln baghtithom lil Bon Tours Travel Limited jew kienu ghadhom jappartjenu lis-socjeta' Katholisches Ferienwerk Köln gialadarba ma waslux ghand is-socjeta' Corinthia Palace Hotel Company Ltd. – dejjem naturalment jekk wiehed jiehu bhala korretti l-fatti kif elenkati mill-istess socjetajiet attrici.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju l-azzjoni attrici hija nulla wkoll ghaliex iz-zewg socjetajiet attrici jridu jiddeciedu x'inhi l-azzjoni li ntavolaw. Hi azzjoni ghad-

danni (kif indikaw fir-raba premessa) jew hi azzjoni a bazi ta’ approprjazzjoni indebita (kif indikaw f’partijiet ohra tac-citazzjoni) jew hi xi azzjoni ohra, possibilment xi wahda mill-azzjonijiet spettanti lill-kreditur kontra s-socjeta debitrici taht il-Companies Act 1995?

3. Illi c-citazzjoni hija nulla stante li hija nebuluza u mhijiex cara bil-mod li jesigi l-artikolu 156 tal-Kap 12.

4. Il-preskrizzjoni a tenur ta’ l-artikoli 2147(b), 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.

5. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti peress illi l-ecipjenti ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjetajiet attrici fin-negozju mertu ta’ din il-kawza.

6. Illi s-socjeta’ Katholisches Ferienwerk Köln kienet tibghat il-flus lil Bon Tours Travel Limited u mhux lill-eccipjenti. Personalment, l-ecipjenti ma kienx involut.

7. Illi l-ecipjenti ma approprjax il-flus mertu ta’ din il-kawza ghalih jew ghal persuni ohra.

8. Illi l-ecipjenti m’ghandu jaghti xejn lis-socjetajiet attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Anthony Valvo fil-kwalita’ tieghu ta’ stralcjarju tas-socjeta’ Bon Tours Travel Limited li biha eccepixxa:

1. Preliminarjament is-socjeta’ Bon Tours Travel Limited ilha fi stat ta’ stralc mit-3 ta’ Marzu 1990 (Dok A).

2. Illi hija qatt ma giet notifikata bl-ittri ufficjali indikati fic-citazzjoni.

3. Illi l-azzjoni attrici hija nulla u bla effett u hija wkoll insostenibbli peress illi qabel xejn is-socjetajiet attrici jridu jiddeciedu lil min minnhom jappartjenu it-Lm12,934 allegatament dovuti mill-ecipjent nomine. Mill-premessi tac-citazzjoni jidher car illi jekk tali somma hija verament dovuta l-istess somma ghandha tithallas lil wahda biss

mis-socjetajiet attrici u certament m'ghandhiex tigi mhallsa liz-zewg socjetajiet attrici flimkien. Lil min tappartjeni, dejjem f'kaz li hi verament dovuta mill-eccipjent nomine, jiddependi mill-ftehim li kien jirregola r-relazzjonijiet guridici ta' bejn il-partijiet. Din hi haga li suppost giet deciza mis-socjetajiet attrici bejniethom fid-dawl tal-ftehim imsemmi qabel giet intavolata l-kawza. Ma jistghux jippretendu, halli jolqtu zgur, li l-istess somma tappartjeni lit-tnejn flimkien ghaliex skond l-istess arrangament li kien hemm il-flus jew jappartjenu lis-socjeta' Corinthia Palace Hotel Company Ltd. gialadarba s-socjeta' Katholisches Ferienwerk Köln baghtithom lil Bon Tours Travel Limited jew kienu ghadhom jappartjenu lis-socjeta' Katholisches Ferienwerk Köln gialadarba ma waslux ghand is-socjeta' Corinthia Palace Hotel Company Ltd. – dejjem naturalment jekk wiehed jiehu bhala korretti l-fatti kif elenkati mill-istess socjetajiet attrici.

4. Illi, minghajr pregudizzju l-azzjoni attrici hija nulla wkoll ghaliex iz-zewg socjetajiet attrici jridu jiddeciedu x'inhi l-azzjoni li ntavolaw. Hi azzjoni ghad-danni (kif indikaw fir-raba premessa) jew hi azzjoni a bazi ta' approprjazzjoni indebita (kif indikaw f'partijiet ohra tac-citazzjoni) jew hi xi azzjoni ohra, possibilment xi wahda mill-azzjonijiet spettanti lill-kreditur kontra s-socjeta debitrici taht il-Companies Act 1995?

5. Illi c-citazzjoni hija nulla stante li hija nebuluza u mhijiex cara bil-mod li jesigi l-artikolu 156 tal-Kap 12.

6. Il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikoli 2147(b), 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.

7. Illi s-socjeta' Bon Tours Travel Ltd. dejjem aggixxiet b'mod korrett u m'ghandha taghti xejn lis-socjetajiet attrici.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat s-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti li biha rrespingiet l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mill-konvenuti, bl-ispejjez;[1]
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi permezz ta' dawn il-proceduri l-atturi qed jippretendu minghand il-konvenuti s-somma ta' Lm12,934 in linea ta' danni konsegwenzjali ghal agir doluz konsistenti f' approprijazzjoni indebita allegatament kommess mill-konvenut Joe Grima bhala managing director tas-socjeta' konvenuta u li fil-mument tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni kienet fi stat ta' likwidazzjoni.

Il-fatti allegati mill-atturi huma fis-sens li s-socjetajiet attrici kellhom ftehim bejniethom li permezz tieghu s-socjeta' Katholisches kienet tibaghat turisti lejn Malta sabiex ikunu akkomodati fil-lukandi tas-socjeta' attrici Corinthia Palace, u l-hlas lil din ta' l-ahhar kien isir mis-socjeta' konvenuta Bon Tours Travel Limited, rappresentata mill-managing director taghha l-konvenut Joe Grima, mill-flus li Katholisches kienet tibaghatilha ghal dan l-iskop.

Skond l-atturi, is-socjeta' Corinthia Palace ghandha tiehu bilanc ta' Lm12,934 ghal servizz ta' akkomodazzjoni rez minnha lit-turisti mibghuta lilha minn Katholisches, skond l-imsemmi ftehim; izda, ghalkemm din ta' l-ahhar baghtet il-pagament relattiv lil Bon Tours, ma jirrizultax li dak dovut lil Corinthia Palace gie mhallas lilha minn din ta' l-ahhar. Fuq dawn il-fatti allegati mill-atturi, dawn qed jsostnu li l-konvneuti ghamlu approprijazzjoni indebita tal-flus moghtija lilhom minn Katholisches billi uzawhom ghall-skopijiet ohra ghajr dak li ghalihom gew mhallsa lill-istess konvenuti.

Il-konvenut Joe Grima minn naha tieghu, filwaqt li cahad l-akkuza ta' approprijazzjoni ndebita maghmula kontra

---

[1] Fols.108-111 – Decizi r-raba eccezzjoni tal-konvenut Joe Grima, u s-sitt eccezzjoni tal-konvenuta Bon Tours Travel Limited.

tieghu jsostni li hu personalment m' ghandhu jaghti xejn lill-atturi. Is-socjeta' konvenuta Bon Tours eccepiet inter alia, li hija "dejjem agixxiet b' mod korrett u m' ghandha taghti xejn lis-socjetajiet attrici."[2]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi jirrizulta manifest li l-bazi tal-azzjoni attrici hija l-pretensjoni da parti tas-socjeta' Corinthia Palace ta' kreditu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Bon Tours fl-ammont ta' Lm12,934 li, skond l-atturi gew misappropprijati mill-konvenuti.

F' dan ir-rigward huwa opportun li jinghad li, ghalkemm ma gewx esebiti l-kuntratti relattivi li jiddefenixxu r-relazzjonijiet guridici reciproci tal-kontendenti, mill-provi jirrizulta li Bon Tours Travel Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' Katholisches, kellha ftehim mas-socjeta' Corinthia Palace ghall-akkomodazzjoni ta' turisti mibghuta minn Katholishces, u li r-responsabbilita' tal-hlas lill Corinthia Palace kienet fuq Bon Tours Travel.

Ghaldaqstant sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici l-ewwel fattur li jehtieg li jigi sodisfacentement provat mill-atturi huwa l-allegat kreditu ta' Corinthia Palace fil-konfront ta' Bon Tours bhala rapprezentanti ta' Katholisches.

In tema legali din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-kazistika citata mill-konvenuti fin-noti taghhom, tosserva li f' dan il-kaz l-oneru tal-prova tal-allegazzjoni centrali tal-atturi, u cioe' tal-esistenza tal-kreditu u tal-quantum tieghu, jirrisjedi fuq l-atturi, u senjatament is-socjeta' Corinthia Palace li ghandha l-oneru li tipprova li d-dejn fil-konfront ta' Bon Tours verament jezisti; multo magis fid-dawl tal-eccezzjoni taghha li hi m' ghandha taghti xejn lill-Corinthia Palace. Onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.

In propositu l-Qorti tosseva li l-provi huma skarsi u ma jlhqux dak il-grad rikjest mill-ligi biex jikkwalifikaw bhala prova sodisfacenti. Apparti mill-affidavit ta' Wolfgang Vitt,

[2] Fol.19

managing director tas-socjeta' Katholisches, u x-xhieda ta' Anthony Bilocca, dak iz-zmien genreral manager tas-socjeta' Corinthia Palace, l-unika prova dokumentali esebita hija kopja ta' zewg assenji wiehed fl-ammont ta' Lm15,000 datat 7 ta' Lulju 1989 u l-iehor fl-ammont ta' Lm5,261.30 datat 20 ta' Dicembru 1989 mahrugin minn Katholishces favur Bon Tours Travel Limited.[3]

Illi fl-affidavit tieghu Wofgang Vitt jghid li "on various occasions" il-kumpanija Katholisches kienet baghtet lil Bon Tours is-somma ta' Lm12,934 "for forwarding to the hotel company."[4]  Sussegwentement "it transpired that Joe Grima had failed to remit this sum to the Hotel Company."

Illi fix-xhieda tieghu Anthony Bilocca, rigward il-kreditu pretiz, jghid hekk: "Kull ma nafu ahna jigifieri li minn numru ta' invoices li hrigna total ta' Lm12,934 ma gewx imhallsa minn Bon Tours."  Jghid ukoll li dan huwa bilanc ta' somma akbar.[5]

Minn dan jirrizulta li l-unici l-elementi ta' prova in sostenn tal-allegazzjonijet attrici huma:

[1] Ix-xhieda ta' Anthony Bilocca li sa fejn jafu huma mill-invoices relattivi s-socjeta' Corinthia ghandha tiehu bilanc ta' Lm12.934;

[2] L-affidavit ta' Wolf gang li dan hallas is-somma ta' Lm12,934 lil Bon Tours f' diversi okkazzjonijiet;

[3] Zewg assenji fl-ammonti ta' Lm15,000 u Lm5,261.30 – b' kollox Lm20,2613, mahruga minn Katholisches lil Bon Tours Travel Limited.

Il-Qorti hija tal-fehma li dawn il-provi, anke mehudin kumuluttivament, ma jwasslux ghas-sosteniment tat-tesi attrici, lanqas fuq bazi ta' probabbilita'.  Ix-xhieda ta' Anthony Bilocca, nuda u cruda,  minghajr provi

[3] Fol.7
[4] Fol.6
[5] Fol.64C u 64D

dokumentali, bhal invoices u statements li jikkonfermaw jew jispjegaw il-bilanc pretiz minn Corinthia Palace, mhijex sufficjenti sabiex jinghad li l-ezistenza tal-kreditu pretiz gie sodisfacentement provat. Din il-mankanza tispikka izjed fid-dawl tal-eccezzjoni tal-konvenuta Bon Tours li din m' ghandha taghti xejn lill-atturi.

Jigi osservat inoltre li din l-eccezzjoni mhjiex allegazzjoni ta' pagament tad-debitu pretiz minn Coritnthia Palace, kif donnhom qed jippretendu l-atturi, imma hija eccezzjoni generika diretta biex tichad l-ezistenza ta' debitu bilancjali. Allura izjed u izjed din is-socjeta' kellha tipprova dak li qeda tallega bi provi cari u konkreti u taghti spjegazzjoni ta' kif wasslet ghall-bilanc li qed tippretendi li ghadu dovut lilha minn Bon Tours.

Inoltre jigi rilevat li l-fatt sostnut minn Wolfgang Vitt li "on various occasions" is-socjeta' tieghu kienet baghtet lil Bon Tours is-somma ta' Lm12,934, la hi sostnuta minn provi, u lanqas tista' titqies bhala prova sodisfacenti li il-bilanc partikolari pretiz minn Corinthia Palace huwa dovut. Inoltre l-ebda wiehed mill-assenji minnu prezentati ma jirrapprezentaw din is-somma, u fil-komplessita' taghhom iz-zewg assenji jammontaw ghall-ammont ferm akbar.

F' dawn ic-cirkostanzi timmanifesta ruhha aktar il-htiega ta' provi ulterjuri dwar l-ezistenza u l-quantum tal-kreditu pretiz, li juru dettalji ta' dak li allegatament jirrapprezenta. Ma nghatat ebda informazzjoni, wisq anqas prova, tad-dettalji ta' fatt u spejjez li wasslu ghal dik ic-cifra; bhal per ezempju, ghal liema perijodu jirreferi, in-numru ta' turisti u kmamar involuti, spejjez ohra, rati mifthiema u dettalji ohra li zgur kienu jezistu bejn il-kontendenti fl-operat rispettiv taghhom skond il-kuntratti minnhom maghmula. Izda minnflok, is-socjeta' Corinthia Palace strahet biss fuq ix-xhieda tal-general manager ta' dak iz-zmien li skond l-invoices taghhom, li ma gewx ezebiti, ghad fadal bilanc ta' Lm12,934 minghajr aktar dettalji.

F' dawn ic-cirkostanzi hija validissima s-sottomissjoni tal-konvenuta maghmula f' dawn it-termini: "Ma gewx prezentati, per ezempju ….. omissis….fatturi sabiex jigi

pruvat illi l-ammont pretiz minnhom huwa verament dovut. Mhux biss kien jispetta lis-socjetajiet attrici li jipprovaw il-pretensjonijiet taghhom, izda kien jinkombi fuqhom, ai termini tal-Artikolu 559 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jipproducu l-ahjar prova. Ma jistax wiehed ma jissollevax wkoll il-punt illi minkejja li gew esebiti zewg cheques intestati lis-socjeta' esponenti, il-valur tal-istess mhuwiex ugwali ghal dak pretiz. Lanqas ghal din id-divergenza ma tinstab spjegazzjoni fl-atti.."[6]

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tosserva li, in mankanza ta' prova sodisfacenti tal-ezistenza tal-kreditu pretiz mill-attrici Corinthia Palace, jinsab nieqes il-pedament li fuqu huwa mibni l-kaz ta' l-atturi, ghax dak li l-atturi qed jitlobu bhala danni mhu xejn hlief pagament ta' kreditu bilancjali pretiz mill-imsemmija socjeta'.

Inoltre, l-akkuza ta' approprijazzjoni indebita maghmula mill-atturi u li tifforma s-substratum tat-tesi taghha biex tikkoinvolgi lill-konvenut Joe Grima personalment fir-responsabbilita' ghal hlas, tippresupponi li dan "approprija ruhu, billi idawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu rar-radd tal-haga jew li jsir uzu minna specifikat.."[7] Ghalhekk biex tikkonfigura din l-attivita' kriminuza da parti tal-konvenut Joe Grima jehtieg inter alia li tigi provata l-ezistenza ta' kreditu kontra tieghu favur is-socjeta' Corinthia Palace, u li dan il-kreditu ma giex sodisfatt nonostante li s-socjeta' Katholisches tatu dik is-somma ghal dak l-iskop. Fil-kaz in disamina, gjaladarba l-ezistenza tal-kreditu pretiz ma tirriuzltax provata, ma jistax jitqies provat li l-konvenut Joe Grima naqas milli jeffetwa xi hlas lil Corinthia Palace. F' dan ir-rigward fl-affidavit tieghu dan jghid b' mod generiku: "Dak li nista' nikkonferma bil-gurament tieghi huwa li kull meta rcevejt il-flus jiena dejjem hallast lil min kelli nhallas."[8]

[6] Fol.139
[7] Kodici Kriminali – Art.293
[8] Fol.114

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici ma jsibux sostenn fil-provi u ghalhekk m' ghandhomx jigu milqugha.

Illi rigward il-kap tal-ispejjez, il-Qorti tosserva li l-azzjoni odjerna originat mill-pretensjoni bazika tas-socjeta' Corinthia Palace li dina ghad ghandha tiehu minghand il-konvenuta s-somma fuq indikata; u l-azzjoni da parti ta' Kathoisches giet provokata minn din il-pretensjoni. Ghaldaqstant gjaladarba Corinthia Palace kienet mankanti fl-oneru taghha li tipprova din il-pretensjoni taghha, allura huwa gust li ghandha tbati l-ispejjez tal-kawza, salv dawk gja decizi.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici; bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici Corinthia Palace Hotel Company Limited, salv dawk diga' decizi fis-sentenza preliminari.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------